Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 3/2015

**Colette Mallia** **(appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali** **(appellant)**

31 ta' Ottubru, 2016.

1. B'decizjoni tal-11 ta' Dicembru 2014, l-arbitru laqa' appell tal-appellata minn decizjoni tal-appellant li biha cahad applikazzjoni tal-appellata biex tinghata l-ghajnuna socjali tad-dizimpjieg. Ir-raguni li nghatat kienet minhabba li, *"d-dhul tieghek u tal-familja tieghek ma jeccedix l-iskala kif stabbilita mill-Att dwar is-Sigurta Socjali"* (avviz datat 9 ta' April 2014).

2. Fl-applikazzjoni li d-Dipartiment ircieva fit-18 ta' Frar 2014, l-appellata ddikjarat li qeghda tghix ma' certu David Fenech. L-indirizz li tat hu 3, Gentle Breeze, Triq Raghaj, Qormi 3533. Jirrizulta li huma kienu xtraw dan il-fond b'kuntratt tas-7 ta' Marzu 2007 pubblikat min-nutar Dr Andre Farrugia.

3. Fid-decizjoni l-Arbitru qal:

   *"Illi l-appellanti sostniet li huma kienu gharajjes, kien hemm l-ups and downs, izda spiccaw ghal kollox f'Awissu 2013. Hija ghadha biss izzomm l-indirizz fuq dak minhabba l-kwistjoni legali li ghaddejja bejniethom. Illum qeghda tghix fil-kiri f'San Gwann u tipprova tfieq minn depressjoni li ghandha u anke se tibda tahdem.*

   *Illi mill-provi prodotti specjalment il-komportament tax-xhud waqt is-seduta filwaqt li jifhem ghaliex wasal ghad-decizjoni d-Direttur Generali minhabba d-dokumenti li kellu quddiemu, izda dak li rrizulta waqt is-seduta fejn ghandek persuna tassew imkissra u qeghda tipprova tibni hajjitha jimmilita favur l-appellanti. Minn dak li hareg irrizulta li dejjem hadmet u hekk trid taghmel. L-Arbitru se jilqa' l-appell."*

4. Fir-rikors tal-appell l-appellant isostni li beneficcju ta' dizimpjieg jithallas lill-kap ta' familja. Kompla li skont il-ligi hu l-appellant li jrid jiddeciedi min jikkwalifika bhala kap tal-familja. L-appellata ddikjarat li kienet qeghda tghix ma' persuna li kien impjegat. Ghalhekk skond l-appellant, David Fenech hu l-kap tal-familja. Ladarba hemm persuna li hi mpjegata li d-dhul fil-gimgha taghha u tal-familja jeccedi l-iskalta stabbilita fil-Kap. 318, l-appellata ma kellhiex jedd li tircievi l-ghajnuna socjali.

5. Il-qorti tinnota li:-

    i. Fl-applikazzjoni li d-Dipartiment ircieva fit-18 ta' Frar 2014, l-appellata iddikjarat li kienet qeghda tghix fil-fond ta' Hal Qormi flimkien ma' David Fenech. Pero' qalet ukoll li ma kienx hemm relazzjoni bejniethom.
    ii. Meta xehedet quddiem l-Arbitru ddikjarat li kienet ilha minn Ottubru 2013 tghix f'kamra gewwa San Gwann.

    Ghalhekk hemm diskrepanza bejn dak li ddikjarat fl-applikazzjoni u dak li xehedet. Madankollu, id-decjzoni tal-appellant kien bazata fuq id-dhul tal-appellata u l-familja taghha. Din hi d-decizjoni li kellha tigi mistharrga mill-arbitru u mhux xi ragunijiet differenti. Fir-realta' quddiem l-Arbitru l-argument li sar mill-appellant hu iktar ampju minn dak li ssemma fl-avviz tad-decizjoni tal-appellant datat 9 ta' April 2014, u jaqra hekk:

    *"Illi t-talba giet michuda ghar-raguni li fl-istess residenza tal-appellanti hemm jabita David Fenech, li hu mpjegat fuq bazi full time, u li flimkien mal-appellanti huwa sid ir-residenza fejn jabitaw, u ghalhekk, id-Direttur, fl-opinjoni tieghu, ma setax ikun sodisfatt li l-appellanti qed tifforma familja ghal rasha/u jew li l-kap tal-familja u/jew li d-dhul fil-gimgha ma jeccedix l-iskala stabbilita."*

6. Minn dak li qalet l-appellata waqt is-seduta tal-lum jirrizulta li matul din is-sena sabet impieg u qeghda tahdem *full-time* gewwa l-isptar Mater Dei. Irrizulta wkoll li kemm ilhom pendenti dawn il-proceduri kien hemm perjodi differenti meta l-appellata kellha mpieg, kif ukoll li zzewwget fit-12 ta' Ottubru 2014.

7. Skond Artikolu 2 tal-Kap. 318:

*"kap ta' familja" dwar familja li tkun ta' żewġ persuni jew iżjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja"*

Hu veru li l-ligi taghti lid-Direttur diskrezzjoni sabiex jiddeciedi min hi l-persuna li tikkwalifika bhala l-kap tal-familja. Madankollu, fil-fehma tal-qorti l-fatt li persuna tkun qeghda tghix ma' persuna ohra ma jfissirx li dawk il-persuni qeghdin ighixu bhala familja. F'Kap. 318 hemm definizzjoni ta' familja:

*"familja tfisser persuna wahda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita wahedha* ***jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja."***

Skont din id-definizzjoni fil-kaz ta' tnejn min-nies jew iktar li jghixu flimkien, m'huwiex bizzejjed li tnejn min-nies ighixu flimkien izda jridu jkunu qeghdin ighixu **bhala familja**. Mir-rikors tal-appell hu evidenti li ghall-appellant tnejn min-nies li jghixu taht l-istess saqaf huma familja;

*"14. Illi d-decizjoni li wasal ghaliha d-Direttur kienet konsegwenza logika tad-dikjarazzjonijiet tal-applikanta stess fl-applikazzjoni taghha fejn hi ddikjarat li qed tghix ma persuna li huwa mpjegat u li konsegwentement huwa jigi kkunsidrat bhala kap ta' familja u mhux l-applikanta. Ghalhekk, peress li hemm persuna li hija mpjegata, id-dhul fil-gimgha tal-applikanta u tal-familja taghha hu kkunsidrat li jeccedi l-iskala stabbilita fil-Kap. 318."* Pero' jrid ikun hemm sitwazzjoni fejn tnejn min-nies jew iktar verament qeghdin ighixu bhala familja, cjoe relazzjoni genwina li mhux bilfors tkun fi zwieg. M'hemmx dubju li l-kuncett ta' familja m'huwiex limitat ghaz-zwieg u jista' jinkludi sitwazzjoni *de facto* fejn koppja tkun qeghda tghix flimkien barra z-zwieg. Hu veru li d-diskrezzjoni hi tal-appellant, madankollu d-decizjoni tieghu trid tkun wahda ragonevoli bazata mhux biss fuq 'il fatt li tnejn min-nies ikunu qeghdin ighixu taht l-istess saqaf. F'dan il-kaz irrizulta li fiz-zmien tal-applikazzjoni r-relazzjoni ta' bejn l-appellata u David Fenech kienet spiccat ghal kollox u ghalkemm kienu qeghdin ighixu taht l-istess saqaf, ma kien ghad hemm xejn komuni bejniethom. Hu evidenti li l-arbitru emmen lill-appellata li minn Awissu 2013 ma kinitx qeghda tghix go familja ta' zewg persuni. Il-qorti ma tarax li hemm bazi biex tiskarta l-konkluzjoni tal-arbitru. Ghalhekk f'dan il-kaz ma kienx hemm familja maghmula minn tnejn min-nies jew izjed. Ghaldaqstant, m'huwiex korrett li jinghad li l-appellata u David Fenech kienu qeghdin ighixu bhala familja u li David Fenech kien il-kap tal-familja. Mill-provi lanqas ma jirrizulta li fiz-zmien tal-applikazzjoni l-appellata kellha xi qligh li ma jintitolahiex biex tircievi l-ghajnuna socjali.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant gialadarba d-decizjoni li ha l-appellant skond l-avviz tad-9 ta' April 2014, ma kinitx ragonevoli. Spejjez a karigu tal-appellant.**

Anthony Ellul.